32006R1914

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1914/2006

tal-20 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1405/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer Eġej iżgħar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer Eġej iżgħar u jemenda Regolament (KE) 1782/2003 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) B'rigward għat-tibdiliet introdotti permezz tar-Regolament (KE) 1405/2006 u l-esperjenza miksuba, u fl-interessi tat-thaffif leġiżlattiv, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2837/93 tat-18 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93dwar il-manutenzjoni ta' boski żgħar tas-siġar taż-żebbuġ f'żoni tradizjonalment iddedikati għat-tkabbir taż-żebbuġ [2], (KEE) Nru 2958/93 tas-27 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 dwar l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli [3], (KE) Nru 3063/93 tal-5 ta' Novembru 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 dwar l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' għasel ta' kwalità speċifika [4], (KE) Nru 3175/94 tal-21 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' prodotti taċ-ċereali lill-gżejjer Eġej iżgħar u li jistabbilixxi l-bilanċ imbassar tal-provvista [5], (KE) Nru 1517/2002 tat-23 ta' Awwissu 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer Eġej iżgħar, dwar il-koltivazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli, patata għall-konsum min-nies u patata taż-żerriegħa [6], (KE) Nru 1999/2002 tat-8 ta' Novembru li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2019/93 dwar l-arranġamenti speċifiċi għall-assistenza għall-gżejjer Eġej iżgħar fir-rigward tal-vinji [7], u (KE) Nru 2084/2004tas-6 ta' Diċembru 2004 li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2837/93 dwar il-perjodu għall-ħlas tal-assistenza għall-manutenzjoni ta' boski tas-siġar taż-żebbuġ ġo żoni tradizjonalment iddedikati għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ fil-gżejjer Eġej iżgħar [8], għandhom jiġu rrevokati u mibdula b'Regolament uniku li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

(2) Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni għandhom jiġu stabbiliti għall-arranġamenti speċifiċi dwar il-provvista u l-miżuri biex tingħata assistenza lill-prodotti agrikoli lokali, it-tnejn ipprovduti fir-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

(3) Regoli dettaljati għandhom jiġu stabbiliti għall-iffissar tal-ammont tal-assistenza għall-provvista ta' prodotti taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista. Tali regoli għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż addizzjonali tal-provvista għall-gżejjer Eġej iżgħar minħabba n-natura mbiegħda u insulari tagħhom, li tikkostitwixxi piż li jiżvantaġġahom bl-aħrax.

(4) L-iskema tal-assistenza għall-provvista ta' prodotti taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandha tiġi mmexxija permezz ta' ċertifikat, imsejjaħ "ċertifikat tal-assistenza", permezz tal-użu tal-liċenzja tal-importazzjoni.

(5) Tmexxija tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista titlob l-introduzzjoni ta' regoli dettaljati dwar il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-assistenza li jidderogaw mir-regoli normali applikabbli għal liċenzji tal-importazzjoni taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ċertifikati stabbiliti minn qabel għal prodotti agrikoli [9].

[1] ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1.

[2] ĠU L 260, 19.10.1993, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2384/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 124).

[3] ĠU L 267, 28.10.1993, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1820/2002 (ĠU L 276, 12.10.2002, p. 22).

[4] ĠU L 274, 6.11.1993, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 780/2002 (ĠU L 123, 9.5.2002, p. 32).

[5] ĠU L 335, 23.12.1994, p. 54. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2119/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 20).

[6] ĠU L 228, 24.8.2002, p. 12.

[7] ĠU L 308, 9.11.2002, p. 11.

[8] ĠU L 360, 7.12.2004, p. 19.

[9] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7).

(6) Tmexxija tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandha tippermetti li jiġu segwiti żewġ għanijiet. L-ewwel, għandha tippromwovi l-ħruġ ta' malajr ta' ċertifikati, b'mod partikolari billi ma titlobx aktar li titħalla garanzija bil-quddiem f'kull każ, u l-ħlas ta' malajr tal-assistenza għall-provvisti ta' prodotti. It-tieni, għandha tiggarantixxi l-kontroll u l-monitoraġġ tal-attivitajiet u tipprovdi lill-awtoritajiet amministrattivi l-istrumenti li jeħtieġu biex jaċċertaw li l-għanijiet tal-iskema qed jintlaħqu, dawn ikunu li tiġi żgurata provvista regolari ta' ċerti prodotti agrikoli u li jiġu kkumpensati l-effetti tal-pożizzjoni ġeografika tal-ġżejjer Eġej iżgħar peress li jiġi żgurat li l-vantaġġi tal-iskema fil-fatt jingħataw fl-istadju fejn il-prodtti maħsuba għall-utenti finali jitqiegħdu fuq is-suq.

(7) Wieħed minn dawk l-istrumenti jikkonsisti mir-reġistrazzjoni ta' operaturi li jagħmlu attività ekonomika taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista. Operaturi rreġistrati huma intitolati għall-benefiċċju mill-arranġamenti, sakemm jissodisfaw l-obbligazzjonijiet stabbiliti mir-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali. L-applikanti għandhom ikunu intitolati għar-reġistrazzjoni sakemm jissodisfaw ċertu numru ta' ħtiġijiet oġġettivi maħsuba biex jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tal-iskema.

(8) Ir-regoli dettaljati għall-amministrazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandhom jiżguraw li, fil-qafas tal-kwantitajiet stabbiliti fil-bilanċi mbassra tal-provvista, operaturi reġistrati jiksbu ċertifikat għall-prodotti u l-kwantitajiet involuti fit-tranżazzjonijiet kummerċjali li jwettqu f'isimhom stess, fuq preżentazzjoni ta' dokumenti li jiċċertifikaw li l-attività hi ġenwina u li l-applikazzjoni għal ċertifikat hu skont il-proċedura.

(9) Monitoraġġ ta' attivitajiet li jikkwalifikaw taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista jeħtieġ, inter alia, li tingħata prova li l-attività ta' provvista koperta miċ-ċertifikat saret fi żmien qasir, u t-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi li jaqgħu fuq il-possessur taċ-ċertifikat inkwistjoni għandu jiġi pprojbit.

(10) Il-benefiċċji mogħtija forma ta' assistenza mill-Komunità għandhom jgħaddu lil oħrajn biex jiġu riflessi fl-ispejjeż tal-produzzjoni u fil-prezzijiet imħallsa mill-utenti finali. Għaldaqstant hemm bżonn ta' kontrolli biex jiġi żgurat li l-benefiċċji fil-fatt jgħaddu lil oħrajn.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 jistabbilixxi li prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista jistgħu jiġu esportati lil pajjiżi terzi jew mibgħuta lill-kumplament tal-Komunità biss taħt ċerti kundizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati. B'mod partikolari, jaqbel li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet massimi ta' prodotti pproċessati li jistgħu jkunu soġġetti għal esportazzjonijiet jew kunsinji tradizzjonali.

(12) Biex jiġu protetti l-konsumaturi u l-interessi kummerċjali tal-operaturi, prodotti li mhumiex ta' kwalità xierqa u tajba għall-bejgħ, fl-ambitu tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [1], għandhom jiġu esklużi mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista mhux aktar tard miż-żmien meta jiġu mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba u għandhom jittieħdu passi xierqa fejn ma tintlaħaqx din il-kundizzjoni.

(13) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu r-regoli amministrattivi dettaljati meħtieġa biex jiġu żgurati t-tmexxija u l-monitoraġġ tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-arranaġamenti jiġu kkontrollati sew, jinħtieġu regoli għall-ispeċifikazzjoni tal-kontrolli li għandhom jitwettqu. Għaldaqstant għandhom jiġu speċifikati penali amministrattivi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi implimentati.

(14) Biex ikun jista' jiġi stmat kif qegħdin jiġu implimentati l-arranġamenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jintalbu li jirrappurtaw lill-Kummissjoni regolarment.

(15) Il-kontroll tal-applikazzjonijiet għall-assistenza u d-dokumenti li għandhom jiġu meħmuża biex tiġi stmata l-ġustifikazzjoni tagħhom għandu jiġi speċifikat għal kull skema għall-assistenza mmirata lejn il-produzzjoni lokali.

(16) Għandu jkun possibbli li f'kull ħin jiġu emendati applikazzjonijiet għall-assistenza li fihom żbalji evidenti.

(17) Id-dati tal-għeluq biex jiġu sottomessi u emendati applikazzjonijiet għall-assistenza għandhom jinżammu sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jipprogrammaw u sussegwentement jagħmlu kontrolli effettivi dwar il-korrettezza ta' applikazzjonijiet għall-assistenza tal-produzzjoni lokali. Allura għandhom jiġu stabbiliti dati tal-għeluq li warajhom ma jistgħux jintlaqgħu aktar sottomissjonijiet. Barra minn dan, għandu jiġi applikat skont biex il-benefiċjarji jiġu inkoraġġiti jirrispettaw id-dati tal-għeluq.

(18) Il-benefiċjarji għandhom jitħallew jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-assistenza tal-produzzjoni lokali jew partijiet minnhom f'kull ħin sakemm l-awtorità kompetenti tkun għadha ma infurmatx lill-koltivatur benefiċjarju dwar xi żbalji fl-applikazzjoni għall-assistenza jew ħabbret kontroll fuq il-post li juri żbalji fil-parti kkonċernata permezz tal-irtirar.

(19) Konformità mar-regoli dwar skemi għall-assistenza mmexxija taħt is-sistema integrata tal-amministrazzjoni u tal-kontroll għandha tiġi monitorjata effettivament. Għal dan il-għan, il-kriterji u l-proċeduri tekniċi għaż-żamma ta' kontrolli amministrattivi u fuq il-post għandhom jiġu spjegati fid-dettall. Fejn jixraq, il-Greċja għandha tiħaq li tikkombina d-diversi kontrolli taħt dan ir-Regolament ma' dawk maħsuba taħt dispożizzjonijiet oħra Komunitarji.

[1] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

(20) In-numru minimu ta' benefiċjarji li għandhom isirulhom kontrolli fuq il-post għandu jiġi ddeterminat..

(21) Il-kampjun għar-rata minima ta' kontrolli fuq il-post għandu jintgħażel parzjalment fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u parzjalment bix-xorti. Il-fatturi prinċipali li għandhom jiġu kkunsidrati għall-analiżi tar-riskju għandhom jiġu speċifikati.

(22) Fejn jinsabu irregolaritajiet sinifikattivi, ir-rata ta' kontrolli fuq il-post għandha tiżdied waqt is-sena kurrenti u ta' wara sabiex jintlaħaq livell aċċettabbli ta' assigurazzjoni li l-applikazzjonijiet għall-assistenza kkonċernati huma korretti.

(23) Biex kontrolli fuq il-post ikunu effettivi huwa importanti li l-ispetturi jiġu infurmati dwar ir-raġunijiet għaliex il-benefiċjarji kkonċernati ntgħażlu għal prova fuq il-post. Il-Greċja għandha żżomm dokumenti dwar din l-informazzjoni.

(24) Sabiex l-awtoritajiet nazzjonali u kwalunkwe awtorità Komunitarja kompetenti jitħallew isegwu l-kontrolli esegwiti fuq il-post, id-dettalli dwar il-kontrolli għandhom jiġu rreġistrati ġo rapport dwar l-ispezzjoni. Il-benefiċjarji jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport. Madankollu, fil-każ ta' provi permezz ta' sensing mill-bogħod, il-Greċja għandha titħalla tipprovdi għal dan id-dritt biss f'każi fejn il-prova tikxef irregolaritajiet. Barra minn hekk, mingħajr kas għat-tip ta' prova fuq il-post li tinżamm, il-benefiċjarju għandu jirċievi kopja tar-rapport jekk jinsabu irregolaritajiet.

(25) Biex l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu mħarsa effettivament, għandhom jiġu adottati miżuri adegwati biex jikkumbattu l-irregolaritajiet u l-frodi.

(26) Riduzzjonijiet u esklużjonijiet għandhom jiġu ddeterminati skont il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-problemi speċjali li jinqalgħu f'każi ta' force majeure, ċirkostanzi eċċezzjonali u diżastri naturali. Tali riduzzjonijiet u esklużjonijiet għandhom jiġu ggradati skont is-serjetà tal-irregolarità kommessa u għandhom jaslu sal-esklużjoni totali minn skema waħda jew bosta skemi għall-assistenza tal-produzzjoni lokali għal perjodu speċifikat.

(27) Bħala regola ġenerali, riduzzjonijiet u esklużjonijiet ma għandhomx jiġu applikati fejn il-benefiċjarji ssottomettew informazzjoni fattwalment korretta jew jistgħu juru b'mod ieħor li ma għandhomx tort.

(28) Il-benefiċjarji li jinnotifikaw l-awtoritajiet kompetenti f'kull ħin dwar applikazzjonijiet għall-assistenza inkorretti ma għandhomx ikunu soġġetti għal riduzzjonijiet jew esklużjonijiet, bla kas għar-raġuni tal-inkorrettezza, ġaladarba l-koltivatur benefiċjarju kkonċernat ma ġiex infurmat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li jwettaq kontroll fuq il-post u sakemm l-awtorità mhux diġà infurmat lill-benefiċjarju dwar kwalunkwe irregolarità fl-applikazzjoni.

(29) Riduzzjonijiet u esklużjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati bla ħsara għal penali addizzjonali taħt kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra tal-liġi nazzjonali.

(30) Il-benefiċjarji li ma jistgħux jissodisfaw l-obbligi stipulati taħt ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-programmi b'konsegwenza ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali ma għandhomx jitilfu d-dritt tagħhom għall-assistenza.

(31) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-prinċipju ta' *bona fide* fost il-Komunità, fejn jiġu rkuprati ammonti mħallsa meta mhux meħtieġ, il-kundizzjonijiet li taħthom dak il-prinċipju jista' jiġi invokat għandu jiġi stabbilit bla ħsara għat-trattament tal-infiq ikkonċernat fil-kuntest tal-ikklerjar ta' kontijiet

(32) Bħala regola ġenerali, il-Greċja għandha tieħu kwalunkwe miżuri addizzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament jiġi implimentat kif suppost.

(33) Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bi kwalunkwe miżuri meħuda mill-Greċja biex jiġu implimentati l-iskemi tal-assistenza stipulati f'dan ir-Regolament. Sabiex tgħin lill-Kummissjoni timmonitorizza effettivament, il-Greċja għandha tibagħtilha regolarment ċerti statistiċi dwar l-iskemi tal-assistenza.

(34) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Ħlasijiet Diretti

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, b'mod partikolari fir-rigward tal-programm relatat ma' arranġamenti speċifiċi dwar il-provvista għall-gżejjer Eġej iżgħar kif stipulat fil-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament u miżuri biex jingħata appoġġ lill-produzzjoni lokali ġo dawk il-gżejjer kif stipulat fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "gżejjer iżgħar" tfisser kwalunkwe gżejjer fil-Baħar Eġew minbarra l-gżejjer ta' Kreta u Evia;

(b) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet appuntati mill-Greċja biex jiġi implimentat dan ir-Regolament;

(c) "programm" tfisser il-programm ta' appoġġ imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

TITOLU II

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI GĦALL-PROVVISTA

KAPITOLU 1

Bilanċ imbassar tal-provvista

Artikolu 3

Stabbiliment u għoti ta' assistenza

1. Biex jiġi applikat l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, il-Greċja għandha tiddetermina fil-kuntest tal-programm l-ammont ta' assistenza li għandha tingħata bħala kumpens għad-distanza, l-insularità u l-lok imbiegħed, b'kunsiderazzjoni għal:

(a) il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gżejjer iżgħar u l-ħtiġijiet preċiżi tal-kwalità;

(b) il-flussi tradizzjonali tal-kummerċ ma' portijiet fl-art prinċipali tal-Greċja u bejn il-gżejjer fil-Baħar Eġew;

(c) l-aspett ekonomiku tal-assistenza proposta;

(d) fejn applikabbli, il-ħtieġa li ma jiġix imfixkel l-iżvilupp ta' prodotti lokali.

(e) fir-rigward ta' spejjeż speċifiċi addizzjonali tat-trasport, l-ispejjeż intermedjarji għat-tagħbija mill-ġdid involuti fil-provvista ta' oġġetti lill-gżejjer iżgħar;

(f) fir-rigward tal-ispejjeż speċifiċi addizzjonali involuti fl-ipproċessar lokali, id-daqs żgħir tas-suq u l-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista għal oġġetti fil-gżejjer iżgħar ikkonċernati.

2. Ma għandha tingħata ebda assistenza għall-provvista ta' prodotti ġo gżira iżgħar li diġà gawdiet mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ġo gżira oħra iżgħar.

KAPITOLU II

Ċertifikat tal-assistenza, ħlas, reġistru, utent finali, kwalità u sigurtajiet

Artikolu 4

Ċertifikat tal-assistenza u ħlas

1. L-assistenza stipulata fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) 1405/2006 għandha titħallas mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat, li minn issa jissejjaħ "ċertifikat tal-assistenza", li għandu jintuża kompletament u għandu jkun akkumpanjat mill-fattura tax-xiri u l-oriġinal jew kopja ċċertifikata tal-polza ta' kargu jew polza tal-ajru.

Il-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tkun ekwivalenti għall-applikazzjoni tal-assistenza. Ħlief f'każi ta' force majeure jew aberrazzjonijiet klimatiċi, iċ-ċertifikati għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn 30 ġurnata mid-data li fiha jitħallsu. Meta tinqabeż dik id-data tal-għeluq, l-assistenza titnaqqas b'5 % għal kull ġurnata ta' dewmien.

L-assistenza għandha titħallas mill-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard minn 90 ġurnata wara d-data li fiha jiġi ddepożitat iċ-ċertifikat tal-assistenza użat, ħlief f'wieħed minn dawn il-każi:

(a) force majeure jew aberrazzjoni klimatika;

(b) meta tkun infetħet inkjesta amministrattiva dwar id-dritt għall-assistenza; f'tali każi, il-ħlas għandu jsir biss wara li jiġi rikonoxxut id-dritt.

2. Ċertifikati tal-assistenza għandhom jinkitbu fuq bażi tal-kampjun tal-liċenzja tal-importazzjoni deskritt fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

L-Artikoli 8(5), 13, 15, 17, 18, 21, 23, 26, 27, 29 sa 33 u 36 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, bla ħsara għal dan ir-Regolament.

3. Iċ-"ċertifikat tal-assistenza" inizjali għandu jiġi stampat jew ittimbrat fil-kaxxa 20 (dettalji speċjali) taċ-ċertifikat.

4. Il-kaxex 7 u 8 taċ-ċertifikat għandhom jiġu ingassati.

5. Il-kaxxa 12 taċ-ċertifikati tal-assistenza għandhom juru l-aħħar ġurnata tal-validità.

6. L-ammont tal-assistenza applikabbli għandha tkun dik fis-seħħ fil-ġurnata li fiha ntefgħet l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tal-assistenza.

7. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikati tal-assistenza fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, soġġetti għal-limiti tal-bilanċi mbassra tal-provvista.

Artikolu 5

Għoti tal-vantaġġ lill-utent finali

1. Għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan it-Titlu:

(a) il-"vantaġġ" imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 ifisser l-għoti ta' assistenza Komunitarja stipulata f'dak ir-Regolament;

(b) "utent finali" jfisser

(i) fil-każ ta' prodotti għall-konsum dirett: il-konsumatur;

(ii) fil-każ ta' prodotti għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-imballaġġ li huma maħsuba għall-konsum min-nies: il-proċessur jew l-imballatur finali

(iii) fil-każ ta' prodotti għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-imballaġġ għall-użu bħala għalf tal-annimali u prodotti għall-użu bħala inputs agrikoli: il-bidwi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha biex jivverifikaw li l-vantaġġ jgħaddi verament għand l-utent finali. Biex jagħmlu dan jistgħu jivvalutaw il-marġini tannegozju u l-prezzijiet applikati mid-diversi operaturi kkonċernati.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel sottoparagrafu, u b'mod partikolari l-punti tal-kontroll użati biex jiġi ddeterminat jekk l-assistenza ġietx trasferita, u xi emendi li jsiru, għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-rapport stipulat fl-Artikolu 33.

Artikolu 6

Reġistru ta' operaturi

1. Ċertifikati tal-assistenza għandhom jinħarġu biss lil operaturi mniżżla ġo reġistru li jinżamm mill-awtoritajiet kompetenti (minn issa msejjaħ "ir-reġistru").

2. Kwalunkwe operatur stabbilit fil-Komunità jista' japplika biex jitniżżel fir-reġistru..

Dħul fir-reġistru għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operaturi għandu jkollhom il-mezzi, l-istrutturi u l-awtorizzazzjonijiet legali meħtieġa biex jagħmlu l-attivitajiet tagħhom u għandhom, b'mod partikolari, ikunu konformi mal-obbligi tagħhom rigward il-kontabilità kummerċjali kif jixraq u t-tassazzjoni;

(b) l-operaturi jridu jkunu jistgħu jiggarantixxu li l-attivitajiet tagħhom jitwettqu fil-gżejjer iżgħar.

(c) fil-kuntest tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għall-gżejjer iżgħar, u b'konformità mal-għanjiet ta' dawk l-arranġamenti, l-operaturi għandhom jimpenjaw ruħhom li:

(i) jgħaddu lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, kull informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, b'mod partikolari rigward il-prezzijiet u l-marġini ta' profitti li jsegwu,

(ii) joperaw esklussivament f'isimhom stess u għan-nom tagħhom,

(iii) jagħtu applikazzjonijiet għal ċertifikat proporzjonat mal-kapaċità vera tagħhom li jiddisponu mill-prodotti kkonċernati, tali kapaċità tiġi pprovata permezz ta' referenza għal fatturi oġġettivi,

(iv) ma jaġixxux fi kwalunkwe mod li jista' joħloq skarsezzi artifiċjali ta' prodotti u ma jbigħux il-prodotti disponibbli bi prezzijiet baxxi b'mod artifiċjali,

(v) jiżguraw għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li, meta l-prodotti agrikoli jinbiegħu fil-gżejjer iżgħar, il-vantaġġ jgħaddi għand l-utent finali.

3. L-operaturi li għandhom il-ħsieb li jibagħtu lill-kumplament tal-Komunità jew li jesportaw lil pajjiżi terzi prodotti pproċessati jew mhux ipproċessati taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 għandhom, meta japplikaw għad-dħul fir-reġistru jew wara, jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jsegwu din l-attività u jindikaw is-sit tal-impjant tal-imballaġġ fejn applikabbli.

4. Il-proċessuri li għandhom il-ħsieb li jesportaw lil pajjiżi terzi jew jibagħtu lill- Komunità prodotti pproċessati jew mhux ipproċessati taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 jew 14 għandhom, meta japplikaw għad-dħul fir-reġistru jew wara, jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jsegwu din l-attività, jindikaw is-sit tal-impjant tal-ipproċessar u, fejn applikabbli, jipprovdu listi analitiċi tal-prodotti pproċessati.

Artikolu 7

Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mill-operaturi u validità ta' ċertifikati tal-assistenza

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw l-applikazzjoni għal ċertifikat tal-assistenza ppreżentata mill-operaturi għal kull kunsinna, sakemm ikunu akkumpanjati mill-fattura oriġinali jew kopja ċċertifikata.

Il-fattura, il-polza ta' kargu jew il-polza tal-ajru għandha tinħareġ f'isem l-applikant.

2. Il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikati għandu jkun 45 ġurrnata. Il-perjodu tal-validità jista' jiġi estiż mill-awtorità kompetenti f'każi speċjali fejn diffikultajiet serji u mhux previsti jaffettwaw iż-żmien għat-trasport, imma ma jistax jaqbeż ix-xahrejn mid-data li fiha nħareġ iċ-ċertifikat.

Artikolu 8

Preżentazzjoni ta' ċertifikati u prodotti; nuqqas ta' trasferibilità ta' ċertifikati

1. Għall-merkanzija koperta mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandhom jiġu ppreżentati ċertifikati tal-provvista lill-awtoritajiet appuntati mhux aktar tard minn 15-il ġurnata ta' xogħol mid-data li tinħatt il-merkanzija. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jnaqqsu dan iż-żmien massimu.

2. Il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata bl-ingrossa jew f'lottijiet separati li jikkorrispondu għaċ-ċertifikat ippreżentat.

3. Ċertifikati tal-assistenza ma għandhomx ikunu trasferibbli

Artikolu 9

Kwalità tal-prodotti

Prodotti ta' kwalità tajba u li jinbiegħu pjuttost faċilment biss, taħt it-tifsira tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jistgħu jikkwalifikaw għall-arranġamenti speċifiċi għall-provvista.

Il-konformità tal-prodotti mal-ħtiġijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu għandha tiġi eżaminata mhux aktar tard mill-istadju tal-ewwel tqegħid fis-suq, b'konformità mal-istandards jew il-prattiċi fis-seħħ fil-Komunità.

Fejn prodott jiġi kkunsidrat li ma jissodisfax il-ħtiġijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu, id-dritt taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandu jitneħħa u l-kwantità korrispondenti għandha terġa' tiġi attribwita lill-bilanċ imbassar tal-provvista. Fejn ingħatat l-assistenza b'konformità mal-Artikolu 4, l-assistenza għandha tiġi mħallsa lura.

Artikolu 10

Depożitu ta' garanzija

Ebda garanzija ma għandha tintalab meta ssir applikazzjoni għal ċertifikati tal-assistenza.

Madankollu, f'każijiet speċjali u sal-punt meħtieġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li titpoġġa garanzija ekwivalenti għall-vantaġġ mogħti. F'tali każijiet, għandhom japplikaw l-Artikolu 35(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Artikolu 11

Żidiet sinifikattivi fl-applikazzjonijiet għal ċertifikati tal-assistenza

1. Jekk l-istat tal-eżekuzzjoni ta' bilanċ imbassar tal-provvista jindika żieda sinifikattiva fl-applikazzjonijiet għal ċertifikati tal-assistenza għal prodott speċifikat li tista' tipperikola l-ksib ta' wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista, il-Greċja għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li l-gżejjer iżgħar ikunu fornuti bi prodotti essenzjali, meta wieħed jikkunsidra l-provvista u l-ħtiġijiet tas-setturi prijoritarji.

2. Fil-każ ta' restrizzjonijiet fuq il-ħruġ ta' ċertifikati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw fuq l-applikazzjonijiet kollha pendenti persentaġġ ta' tnaqqis uniformi.

Artikolu 12

L-iffissar ta' kwantità massima għal kull applikazzjoni għal ċertifikat

Sakemm ikun strettament meħtieġ biex jiġi evitat ċaqliq fis-suq fil-gżejjer iżgħar, jew l-insegwiment ta' azzjonijiet spekulattivi li kapaċi jkunu preġudizzjali għall-funzjonament tajjeb tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu kwantità massima għal kull applikazzjoni għal ċertifikat.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament bid-drabi meta dan l-Artikolu jiġi applikat.

KAPITOLU III

Esportazzjoni lil pajjiżi terzi u kunsinna lill-kumplament tal-komunità

Artikolu 13

Kundizzjonijiet tal-esportazzjoni jew tal-kunsinna

1. L-esportazzjoni u l-kunsinna ta' prodotti mhux ipproċessati li bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista, jew prodotti imballati jew ipproċessati li fihom prodotti li bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi għall-provvista, għandhom ikunu soġġetti għall-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 3.

2. Kwantitajiet ta' prodotti li bbenefikaw mill-assistenza u jiġu esportati jew ikkunsinnati għandhom jerġgħu jiġu attribwiti għall-bilanċ imbassar tal-provvista u l-assistenza mogħtija għandha tiġi mħallsa lura mill-esportatur jew il-kunsinnatur mhux aktar tard minn meta dawn jiġu esportati jew ikkunsinnati.

Dawk il-prodotti ma jistgħux jiġu kkunsinnati jew esportati sakemm isir il-ħlas lura msemmi fl-ewwel sottoparagrafu.

Fejn ikun impossibbli li jiġi stabbilit l-ammont ta' assistenza mogħtija, il-prodotti għandhom jiġu meqjusa li rċevew l-ogħla rata ta' assistenza stabbilita mill-Komunità għal tali prodotti waqt il-perjodu ta' sitt xhur qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-esportazzjoni jew kunsinna.

Tali prodotti jistgħu jibbenefikaw minn rifużjoni, ġaladarba jintlaħqu l-kriterji għall-għoti ta' tali rifużjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-esportazzjoni jew il-kunsinna ta' kwantitajiet ta' prodotti ppro-ċessati minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 14 biss fejn il-proċessur jew l-esportatur jiċċertifika li l-prodotti kkonċernati ma fihomx materji primi introdotti taħt l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-kunsinna mill-ġdid ta' prodotti mhux ipproċessati jew prodotti imballati minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 biss fejn il-kunsinnatur jiċċertifika li dawk il-prodotti ma bbenefikawx minn arranġamenti speċifiċi għall-provvista.

L-awtoritajiet għandhom iwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiżguraw l-eżattezza taċ-ċertifikati msemmija fl-ewwel u t-tieni sottoparagrafi u għandhom, jekk meħtieġ, jirkupraw il-vantaġġ.

Artikolu 14

Esportazzjonijiet tradizzjonali u kunsinni tradizzjonali ta' prodotti pproċessati

1. Proċessuri li ddikjaraw, b'konformità mal-Artikolu 6(4), li għandhom l-intenzjoni jesportaw fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali jew li jikkunsinnaw fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali, imsemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, prodotti pproċessati li fihom materji primi li bbenefikaw minn arranġamenti speċifiċi għall-provvista jistgħu jagħmlu dan fil-limiti tal-kwantitajiet annwali indikati fil-programm approvat u ppreżentat b'konformità mal-kampjun stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa f'tali mod li jiżguraw li t-tranżazzjonijiet ma jeċċedux dawk il-kwantitajiet annwali.

2. L-esportazzjoni ta' prodotti msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni.

KAPITOLU IV

Kontrolli u penali

Artikolu 15

Provi

1. Il-kontrolli amministrattivi mwettqa mad-dħul, l-esportazzjoni u l-kunsinna ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontrolli tal-eżattezza mad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(1).

2. Il-kontrolli fiżiċi mwettqa fil-gżejjer iżgħar mad-dħul, l-esportazzjoni u l-kunsinna ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-anqas 5 % taċ-ċertifikati ppreżentati b'konformità mal-Artikolu 8.

Kontrolli fiżiċi għandhom jitwettqu, *mutatis mutandis*, b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 [1].

F'każi speċjali l-Kummissjoni tista' titlob li kontrolli fiżiċi jkopru persentaġġi differenti.

Artikolu 16

Penali

1. Minbarra f'każi ta' force majeure jew aberrazzjonijiet klimatiċi, jekk operatur ifalli li jikkonforma mal-ħtiġijiet tal-Artikolu 6, u bla ħsara għal kwalunkwe penali applikabbli taħt il-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirkupraw il-vantaġġ mogħti mingħand il-possessur taċ-ċertifikat tal-assistenza;

(b) temporanjament jissospendu jew jirrevokaw ir-reġistrazzjoni tal-operatur, skont is-serjetà tal-ksur ta' liġi.

Il-vantaġġ imsemmi fil-punt (a) għandu jkun ugwali għall-ammont tal-assistenza ddeterminata b'konformità mal-Artikolu 13(2).

2. Minbarra f'każi ta' force majeure jew aberrazzjonijiet klimatiċi, fejn possessuri ta' ċertifikat ma jwettqux id-dħul ippjanat, id-dritt tagħhom biex japplikaw għal ċertifikati għandu jiġi sospiż għal perjodu ta' 60 ġurnata wara l-iskadenza ta' dak iċ-ċertifikat. Wara l-perjodu ta' sospenzjoni, il-ħruġ ta' ċertifikati sussegwenti għandu jkun soġġett għad-depożitu ta' garanzija ugwali għall-ammont tal-vantaġġ li għandu jingħata waqt perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jerġgħu jużaw kwalunkwe kwantitajiet ta' prodotti li jsiru disponibbli bħala riżultat tan-noneżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni parzjali jew it-tħassir taċ-ċertifikati maħruġa jew l-irkuprar tal-vantaġġ.

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet nazzjonali

Artikolu 17

Regoli nazzjonali tat-tmexxija u tal-monitoraġġ

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw ir-regoli addizzjonali meħtieġa biex imexxu u jimmonitorizzaw l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista f'hin attwali.

Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżuri li bihsiebhom jimplimentaw konformi mal-ewwel paragrafu, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk il-miżuri.

TITOLU III

MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TA' PRODOTTI LOKALI

KAPITOLU I

Għajnuna għall-assistenza ta' prodotti lokali

Artikolu 18

Ammont ta' assistenza

1. L-ammont ta' assistenza mogħti taħt il-miżuri għall-assistenza tal-produzzjoni lokali kif stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 għandu jkun fil-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' assistenza, il-linji tal-produzzjoni agrikola u l-ammonti kkonċernati għandhom jiġu speċifikati fil-programm approvat b'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

[1] ĠU L 42, 16.2.1990, p. 6.

KAPITOLU II

Applikazzjonijiet għall-assistenza u ħlas tal-assistenza

Artikolu 19

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Applikazzjonijiet għall-assistenza ta' sena għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċċju speċifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Greċja b'konformità mal-kampjuni stabbiliti minn dawn tal-aħħar u fil-perjodu li jkunu stabbilew. Dawk il-perjodi għandhom jiġu stabbiliti biex iħallu żmien għall-kontrolli meħtieġa fuq il-post u ma għandhomx jaqbżu t-28 ta' Frar tas-sena ta' wara.

Artikolu 20

Korrezzjoni ta' żbalji evidenti

Applikazzjoni għall-assistenza tista' tiġi rrettifikata fi kwalunkwe ħin wara s-sottomissjoni tagħha fejn jiġi identifikat żball evidenti mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 21

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet tard

Ħlief f'każi ta' force majeure u ċirkostanzi eċċezzjonali, sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-assistenza wara ż-żmien limitu stabbilit b'konformità mal-Artikolu 19 għandha twassal għal tnaqqis ta' 1 % kull ġurnata xogħol fl-ammonti li għalih il-benefiċjarju kien ikun intitolat jekk l-applikazzjoni għall-assistenza ġiet mitfugħa fiż-żmien limitu. Jekk id-dewmien jammonta għal aktar minn 25 ġurnata, l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata inammissibbli.

Artikolu 22

Irtirar ta' applikazzjonijiet għall-assistenza

1. Applikazzjoni għall-assistenza tista' tiġi rtirata totalment jew parzjalment fi kwalunkwe ħin.

Madankollu, fejn l-awtorità kompetenti tkun diġà infurmat lill-benefiċjarju dwar irregolaritajiet fl-applikazzjoni għall-assistenza jew tkun avżat lill-benefiċjarju dwar l-intenzjoni tagħha li twettaq kontroll fuq il-post u dan il-kontroll juri irregolaritajiet, l-irtirar ma għandux jiġi awtorizzat għall-partijiet tal-applikazzjoni għall-assistenza affettwati minn dawk l-irregolaritajiet.

2. Irtirar taħt il-paragrafu 1 għandu jitfa' l-applikant lura fis-sitwazzjoni ta' qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-assistenza jew parti tal-applikazzjoni għall-assistenza inkwistjoni.

3. Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena għandha ssir analiżi tal-applikazzjonijiet għall-assistenza rtirati għas-sena ta' qabel biex jiġu identifikati l-kawżi prinċipali u tendenzi potenzjali fuq livell lokali.

Artikolu 23

Ħlas ta' assistenza

Wara li jivverifikaw l-applikazzjonijiet għall-assistenza u d-dokumenti sostenituri rilevanti, u li jikkalkulaw l-ammonti li għandhom jingħataw taħt il-miżuri ta' appoġġ stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħallsu l-assistenza għal sena waqt il-perjodu:

— f'każ ta' pagamenti diretti, b'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 [1], u

— f'każ ta' pagamenti oħra, waqt il-perjodu li jibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena kurrenti u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

KAPITOLU III

Kontrolli

Artikolu 24

Prinċipji ġenerali

Il-verifika għandha ssir permezz ta' kontrolli amministrattivi u fuq il-post.

Kontrolli amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontrolli eżatti ma', *inter alia*, *data* missistema integrata tal-amministrazzjoni u tal-kontroll stipulata fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 [2].

Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju b'konformità mal-Artikolu 26(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kontrolli fuq il-post permezz tat-teħid ta' kampjuni ta' mill-anqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-assistenza. Il-kampjun għandu wkoll jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-ammonti koperti mill-assistenza.

Fil-każijiet kollha xierqa, il-Greċja għandha tagħmel użu missistema integrata tal-amministrazzjoni u tal-kontroll.

Artikolu 25

Kontrolli fuq il-post

1. Kontrolli fuq il-post ma għandhomx jiġu mħabbra. Madankollu, sakemm l-għan tal-kontroll ma jiġix kompromess, jista' jingħata avviż bil-quddiem limitat għall-minimu meħtieġ. Tali avviż ma għandux jaqbeż it-48 siegħa, minbarra f'każijiet ġustifikati b'mod korrett.

2. Fejn applikabbli, il-kontrolli fuq il-post stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom isiru f'konġunzjoni ma' kwalunkwe kontrolli oħra stipulati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

3. L-applikazzjoni jew applikazzjonijiet għall-assistenza kkonċernati għandhom jiġu rifjutati jekk il-benefiċjarji jew ir-rappreżentanti tagħhom jimpedixxu li jsir kontroll fuq il-post.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

[2] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1156/2006 (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 3).

Artikolu 26

Għażla ta' benefiċjarji li għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli fuq il-post

1. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu biex isirulhom kontrolli fuq il-post mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentattività tal-applikazzjonijiet għall-assistenza sottomessi. L-analiżi tar-riskju għandu, kif jixraq, jikkunsidra:

(a) l-ammont ta' assistenza;

(b) in-numru ta' pakketti agrikoli u s-superfiċje kopert mill-applikazzjoni għall-assistenza, jew il-kwantità prodotta, trasportata, ipproċessata jew mibjugħa;

(c) tibdiliet mis-sena ta' qabel;

(d) is-sejbiet minn kontrolli li saru fis-snin preċedenti;

(e) parametri oħra li għandhom jiġu definiti mill-Greċja.

Biex jiġi pprovdut l-element ta' rappreżentattività, il-Greċja għandha tagħżel bix-xorti bejn 20 % u 25 % tan-numru minimu ta' benefiċjarji li għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli fuq il-post.

2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm dokumenti dwar ir-raġunijiet għaliex benefiċjarji speċifiċi intgħażlu għal kontrolli fuq il-post. L-ispettur li jwettaq il-kontroll fuq il-post għandu jiġi infurmat b'dawk ir-raġunijiet qabel ma jibda l-kontroll.

Artikolu 27

Rapport dwar l-ispezzjoni

1. Kull kontroll fuq il-post għandu jiġi soġġett għal rapport dwar l-ispezzjoni li jagħti d-dettalji dwar il-kontrolli li jkunu twettqu. Ir-rapporti għandhom jindikaw b'mod partikolari:

(a) l-iskemi u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna kkontrollati;

(b) il-persuni preżenti;

(c) il-pakketti agrikoli kkontrollati, il-pakketti agrikoli mkejla, ir-riżultati tal-qisien kull pakkett imkejjel u l-metodi tal-kejl użati;

(d) il-kwantitajiet prodotti, trasportati, ipproċessati jew mibjugħa li huma koperti mill-kontroll;

(e) jekk ingħatax avviż bil-quddiem lill-benefiċjarju dwar iż-żjara u, jekk iva, kemm;

(f) kwalunkwe miżuri tal-kontroll addizzjonali mwettqa.

2. Il-benefiċjarji jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport biex juru l-preżenza tagħhom waqt il-kontroll u biex iżidu l-osservazzjonijiet. Fejn jinsabu irregolaritajiet il-benefiċjarju għandu jirċievi rapport dwar l-ispezzjoni.

Fejn isir kontroll fuq il-post permezz ta' sensing mill-bogħod, il-Greċja tista' tiddeċiedi li ma tagħtix lill-benefiċjarji jew lir-rappreżentanti tagħhom l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport dwar l-ispezzjoni jekk ma jinkixfu l-ebda irregolaritajiet waqt il-kontroll permezz ta' sensing mill-bogħod.

KAPITOLU IV

Tnaqqis u esklużjonijiet, u ħlas mhux dovut

Artikolu 28

Tnaqqis u esklużjonijiet

F'każ ta' diskrepanza bejn l-informazzjoni ddikjarata fil-kuntest ta' applikazzjonijiet għall-assistenza u s-sejbiet tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III, il-Greċja għandha tapplika tnaqqis u esklużjonijiet fuq l-assistenza. Dawn it-tnaqqis u l-esklużjonijiet għandhom ikunu effettivi u proporzjonali u għandhom ikunu ta' deterrent.

Artikolu 29

Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet

1. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet stipulati fl-Artikolu 28 ma għandhomx japplikaw fejn il-benefiċjarju jkun issottometta informazzjoni fattwalment korretta jew jista' juri li ma għandux tort.

2. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-applikazzjoni għall-assistenza li l-benefiċjarju jinforma lill-awtorità kompetenti huma skorretti jew saru skorretti minn meta ġiet mitfugħa, ġaladarba l-awtorità kompetenti ma tkunx diġà infurmat lill-benfiċjarju bl-intenzjoni tagħha li twettaq kontroll fuq il-post jew dwar xi irregolarità fl-applikazzjoni.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-benefiċjarju kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu, l-applikazzjoni għall-assistenza għandha tiġi rettifikata biex tirrifletti s-sitwazzjoni attwali.

Artikolu 30

Irkuprar ta' pagamenti u penali mhux dovuti

1. F'każ ta' pagament mhux dovut, l-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 [1] għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. Fejn il-pagament mhux dovut sar b'riżultat ta' dikjarazzjoni falza, dokumenti foloz jew negliġenza serja mill-parti tal-benefiċjarju, għandha tiġi imposta penali ugwali għall-ammont imħallas bla bżonn, bl-interessi kkalkulati b'konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

[1] ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

Artikolu 31

Force majeure u ċirkostanzi eċċezzjonali

Każijiet ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali fis-sens tal-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu notifikati lill-awtorità kompetenti b'konformità mal-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 32

Komunikazzjonijiet

1. Rigward l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-15 tax-xahar wara l-aħħar ta' kull perjodu ta' tliet xhur, id-*data* li ġejja relatata max-xhur preċedenti tas-sena ta' referenza, skont il-prodott u l-kodiċi NM u, fejn applikabbli, skont id-destinazzjoni individwali:

(a) il-kwantitajiet maqsuma skont jekk intbagħtux mill-art prinċipali tal-Greċja jew ġejjer oħra;

(b) l-ammont ta' assistenza u l-infiq attwalment imħallas skont il-prodott;

(c) il-kwantitajiet li għalihom ma ntużawx ċertifikati tal-assistenza;

(d) kwalunkwe kwantitajiet esportati lil pajjiżi terzi jew mib-għuta lill-kumplament tal-Komunità wara l-ipproċessar b'konformità mal-Artikolu 13;

(e) trasferimenti fost kwantità totali għal kategorija ta' prodotti u emendi fil-bilanċ imbassar tal-provvista waqt il-perjodu;

(f) il-bilanċ disponibbli u r-rata tal-użu.

Id-*data* stipulata fl-ewwel sottoparagrafu għandha tiġi pprovduta fuq il-bażi taċ-ċertifikati użati.

2. Rigward l-appoġġ għall-produzzjoni lokali, il-Greċja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni:

(a) mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena, bl-applikazzjonijiet għall-assistenza li tirċievi u l-ammonti involuti għas-sena ta' qabel;

(b) mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena, dwar l-applikazzjonijiet għall-assistenza definittivament eliġibbli u l-ammonti involuti għas-sena ta' qabel.

Artikolu 33

Rapport

1. Ir-rapport stipulat fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 għandu jkun fih *inter alia*;

(a) kwalunkwe tibdiliet sinifikattivi fl-ambjent soċjoekonomiku u agrikolu;

(b) sommarju tad-*data* fiżika u finanzjarja disponibbli dwar l-implimentazzjoni ta' kull miżura, segwita minn analiżi tad-*data* u, fejn meħtieġ, preżentazzjoni u analiżi tas-settur li mieghu hi konnessa l-miżura;

(c) il-progress tal-miżuri u prijoritajiet b'konnessjoni mal-għanijiet speċifiċi u ġenerali fid-data tal-preżentazzjoni tar-rapport, bl-użu ta' indikaturi kwantifikati;

(d) rakkont fil-qasir ta' kwalunkwe problemi kbar iffaċċjati fit-tmexxija u l-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi l-konklużjonijiet tal-analiżi msemmija taħt l-Artikolu 22.3;

(e) eżami tar-riżultati tal-miżuri kollha, b'kunsiderazzjoni tal-konnessjonijiet reċiproċi tagħhom;

(f) għall-arranġamenti speċifiċi għall-provvista:

— *data* u analiżi relatati ma' tendenzi ta' prezzijiet u l-mod li fih il-vantaġġ mogħti ġie mgħoddi, kif ukoll il-miżuri meħuda u l-kontrolli mwettqa biex jiġi żgurat li dan ġie mgħoddi;

— kunsiderazzjoni tal-assistenza l-oħra disponibbli, analiżi tal-proporzjonalità tal-assistenza b'konnessjoni mal-prezz addizzjonali tat-trasport lill-gżejjer iżgħar u l-prezzijiet applikati u, fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-ipproċessar u għal inputs agrikoli, l-ispejjeż addizzjonali tal-insularità u s-sit imbiegħed;

(g) indikazzjoni, ibbażata fuq indikaturi oġġettivi, tal-punt sa fejn intlaħqu l-għanijiet assenjati lil kull waħda mill-miżuri li jinsabu fil-programm;

(h) *data* dwar il-bilanċ annwali tal-provvista tal-gżejjer iżgħar f'termini ta', *inter alia*, konsum, żviluppi headage, produzzjoni u negozju;

(i) *data* dwar l-ammonti attwalment mogħtija għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' programmi fuq il-bażi tal-kriterja definita mill-Greċja, bħan-numru ta' produtturi eliġibbli, is-superfiċje eliġibbli jew in-numru ta' artijiet ikkonċernati;

(j) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni finanzjarja ta' kull miżura taħt il-programm;

(k) statistiċi dwar il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti u kwalunkwe penali applikati;

(l) il-kummenti tal-Greċja dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

2. Għall-2007 ir-rapport għandu jkun fih stima tal-impatt fuq it-trobbija tal-annimali u fuq l-ekonomija agrikola fil-gżejjer iżgħar, dwar il-programm tal-assistenza għal attivitajiet tradizzjonali relatati mal-produzzjoni taċ-ċanga u tal-vitella, il-laħam tannagħaġ u l-laħam tal-mogħoż.

Artikolu 34

Emendi għall-programmi

1. Emendi għall-programmi approvati taħt l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

Madankollu, tali approvazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għall-emendi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' bilanċi tal-provvista mbassra, il-Greċja tista' temenda l-livell ta' assistenza u l-kwantitajiet ta' prodotti li jistgħu jiġu koperti mill-arranġamenti għall-provvista;

(b) fil-każ ta' programmi Komunitarji għall-appoġġ tal-produzzjoni lokali, il-Greċja tista' taġġusta b'sa 20 % l-allokazzjoni finanzjarja għal kull miżura u l-ammont ta' assistenza kull unità 'l fuq mill-ammonti fis-seħħ fiż-żmien li tkun ġiet ippreżentata t-talba għall-emenda jew taħthom.

2. Il-Greċja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni darba fis-sena dwar l-emendi ppjanati. Madankollu, il-Greċja tista' tinnotifika dwar emendi fi kwalunkwe żmien f'każijiet ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali. Jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex oġġezzjonijiet għall-emendi ppjanati, dawn għandhom japplikaw mill-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara dak li fih ikunu ġew notifikati.

Artikolu 35

Finanzjament ta' studji, proġetti ta' wiri, taħriġ jew miżuri ta' assistenza teknika

L-ammont meħtieġ biex jiġu ffinanzjati studji, proġetti ta' wiri, taħriġ u miżuri ta' assistenza teknika stipulati fi programm approvat taħt l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 għall-għanijiet tal-implimentazzjoni ta' dak il-programm ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-ammont totali tal-finanzjament tal-programm.

Artikolu 36

Mizuri nazzjonali addizzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri addizzjonali kollha meħtieġa biex jiġi applikat dan ir-Regolament.

Artikolu 37

Tnaqqis ta' ħlas

Bla ħsara għar-regoli ġenerali dwar id-dixxiplina fil-baġit, fejn l-informazzjoni trażmessa mill-Greċja lill-Kummissjoni taħt l-Artikoli 32 u 33 tkun inkompleta jew ma nżammx iż-żmien limitu għat-trażmissjoni ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni tista' tnaqqas il-ħlas mad-dħul fil-kotba ta' nfiq agrikolu fuq bażi temporanja u b'rata fissa..

Artikolu 38

Abrogazzjoni

Regolamenti (KEE) Nru 2837/93, (KEE) Nru 2958/93, (KE) Nru 3063/93, (KE) Nru 3175/94, (KE) Nru 1517/2002, (KE) Nru 1999/2002, u (KE) Nru 2084/2004, huma abrogati b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 39

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il- Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fit-totalità tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Kwantitajiet massimi ta' prodotti pproċessati li jistgħu jiġu esportati jew mibgħuta annwalment mill-gżejjer iżgħar fil-kuntest ta' kunsinni tradizzjonali

[Kwantità f'kilogrammi (jew litri)]

Kodiċi NM	Lill-Komunità	Lil pajjiżi terzi